MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 984/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**vs**
**Rodrick Tabone**

Kumpilazzjoni Numrnu 984/2013

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Rodrick Tabone,** ta’ 25 sena, iben Tarcisio u Carmen nee’ Farrugia, imwieled Pieta fis-16 ta’ Novembru, 1987, residenti gewwa l-fond 12 Magdalene, Vjal ix-Xarolla, Zurrieq u detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 517387M

Akkuzat talli b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, u cioe’:

1. Akkuzat talli fil-5 t' Otturbu, 2013 u/jew fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, deheb, zewg kameras tar-ritratti u oggetti ohra ghad-dannu ta' Magdalen Tabone u/jew persuna ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur, liema valur jammonta iktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin eqro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat jew xjentement b' ull mod li jkun, indahhal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. U aktar talli nhar il-5 t' Ottubru, 2013, gewwa iz-Zurrieq, ghall-habta tas-18:15hrs ta' filghaxija, bl-imgieba tieghek ikkaguna lil ohtu Magdalen Tabone, biza' li ser tintuza vjilenza konriha jew kontra l-proprjeta' taghha;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gewwa z-Zurrieq, bi kliem insulenta, hedded jew ingurja lil ohtu Magdalen Tabone;
5. Akkuzat ukoll talli rrendea ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' diversi senetnzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ;
6. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Qorti meta nhar it-22 ta' jannar, inghata sentenza ta' Art. 22, tal-Kap 446 ghal sena u nofs mill-Magistrat Dr E. Grima LL.D.

Rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(d)(e), 263, 267, 268, 269, 251B, 334 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-prosekuzzjoni irtirat il-hames imputazzjoni u ddikjarat li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokuemnti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni imputazzjoni dwar recidiva ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjoni dwar serq li giet ammessa mill-imputat, in oltre rtirat il-hames imputazzjoni; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali tieghu.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li jkun ta' beneficcju akbar ghas-socjeta jekk l-imputat jirnexxielu jirriabilta ruhu mill-vizzju tad-droga ghalhekk ikun aktar idoneu li l-imputat jinaghta l-opportunita li jaghmel u jkompli sa tmiemu programm ta' riabilitazzjoni minflok piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u l-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 18, 261(b)(c)(d)(e), 263, 267, 268, 269, 251B u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; in oltre l-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fit-22 ta' Jannar 2013 pero qed testendi l-perjodu ta' liberta kondizzjonata ghall-massimu ta' tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordinijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficju tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------